MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru 951/2008

**Illum 27 ta' Frar 2009**

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Asparuh Ivanov Balabanov**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Asparuh Ivanov Balabanov ta' 28 sena, bin Ivan u Nadka nee' Govedarska, imwieled il-Bulgarija fil-25 ta' Awwissu 1980, residenti f' Amarena, Triq Emmanuele Decelis, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 40275(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Awwissu 2008 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu generatur ta’ l-ghamla Honda EU10i ta’ valur ta’ sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€675) ghad-dannu ta’ Noel Borg minn Ta’ Sliema.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Awwissu 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall- akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal- akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat, l-fatt li ghandu fedina penali netta (esebita a folio 4 tal-process), l-fatt li ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 18, 293, 294, 310(1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lil imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------